KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Għoxrin (20)***

***Il-Ħamis, 16 t' Ottubru, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 20 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB (attenda fis-6:15pm) |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**20.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Vici Sindku Brian Xuereb se jkun qed jattendi iktar tard.

**20.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

20.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 19 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025.

20.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 19 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.3 **Mozzjoni Numru 20-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 19

Proponent: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi
Sekondant: Il-Kunsillier Steven Axisa

Il-Minuti Numru 19 ġew approvati unanimament.

**20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 20(09) – Ottubru 2025***

20.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 20(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12143 sa 12180 kif ukoll cheque bin-numri 7273 u 7274 li jammontaw €35,831.66

20.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

20.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagament tal-pulizija għall-attivita' tal-Halloween li jammonta għal €384.77

20.3.4 Tressaq ukoll pagament lin-Nursery għall-organizzazzjoni tas-Summer Camp 2025 fejn il-Kunsill kien qabel li bħas-snin preċedenti jisponsorja l-coaches u l-kits li jintużaw fl-attivita' li ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Dan jammonta għal €2550.

20.3.5 **Mozzjoni 20-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 20(09) bil-pagamenti inklużi f'materja numru 20.3.3 u 20.3.4

Proponent: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

L-iskeda ta' pagamenti numru 20(09) ġiet approvata unanimament.

**20.4 <u>Korrispondenza</u>**

20.4.1 Tressqet korrispondenza dwar talba mill-Maltapost sabiex jitpoġġew Easypik Parcel Lockers. Il-Kunsill qabel li jsiru u jistgħu jitpoġġew taħt il-ħnejjiet li hemm fil-Ġnien. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob li ssir CCTV camera minħabba vandaliżmu.

20.4.2 Tressqet korrispondenza dwar applikazzjoni ġdida tal-PA bin-numru PC0047/25. Wara li l-Kunsill raha l-applikazzjoni qabel li m'għandu jkun hemm ebda oġġezzjoni.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Vici Sindku Brian Xuereb (6:15pm)*

20.4.3 Tressqet korrispondenza dwar PA/04489/24 li attenda għaliha l-Vici Sindku Brian Xuereb. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-seduta ġiet sospiża biex jagħtu żmien biex jerġgħu jiġu sottomessi proposti ġodda.

20.4.4 Tressqet korrispondenza mingħand ħanut li jinsab fis-service road f'Dawret Ħal Għaxaq fejn qed jitlob li titranġa l-bankina biex ikunu jistgħu jieqfu l-vannijiet bid-deliveries mingħajr ma jostakolaw it-triq. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir mill-individwu iżda ninfurmawh li m'għandux isir parkeġġ ta' trakkijiet kbar.

20.4.5 Tressqet korrispondenza mingħand il-Planning Authority dwar l-Appell tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien, fejn ġejna nfurmati li l-qari tad-deċiżjoni se ssir l-Ħamis 23 t'Ottubru fis-1:15pm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tibgħat il-link tal-appell lil kulħadd.

20.4.6 Tressqet korrispondenza dwar PA/06521/25 fejn qed jiġi propost xi alterazzjonijiet f'binja fi Triq Gio Marija Farrugia. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

20.4.7 Tressqet korrispondenza dwar siġra fil-privat li għandha bżonn żabra fi Triq Ħabb il-Qamh. Il-Kunsill qabel li jibgħat lil Ambjent Malta u isir rapport lil pulizija minħabba l-periklu.

20.4.8 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill dwar il-Laqgħa li saret ma Project Green u mal-kuntrattur dwar il-proġett taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waqt il-laqgħa mal-kuntrattur ġew diskussi diversi punti fosthom li l-fossa kif ukoll il-ġiebja għandhom isiru iktar viċin l-entratura biex jiġi evitat li inġenji kbar u makkinarji jidħlu fil-ġnien. Il-kuntrattur talab ukoll li ssir emenda biex iċ-ċint jiġi rtirat ftit il-ġewwa biex ikun jista' jsir parkeġġ iżda dwar din il-proposta Project Green insistew li aktarx terġa' tiġi rifjutata mill-ERA. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li dwar dan il-proġett

jibqa jsostni li d-drenaġġ ma kellux isir bis-*cesspit*. Il-Kunsillier Steven Axisa ukoll qal li hu xettiku rigward ċertu tħassib speċjalment rigward in-nuqqas ta' parkeġġ. Is-Sindku Karl Boxall qal li dan il-proġett issa jinsab fil-fażi fejn se jinbeda x-xogħol wara li nħareġ it-tender u ġie ffirmat l-agreement. F'dan l-istadju, l-Kunsilliera pproponew li ssir laqgħa mal-Ministru sabiex jiġu indirizzati dawn il-ħsibijiet.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, l-Vici Sindku Brian Xuereb talab li jkun skużat (18:45)*

**20.5 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

20.5.1 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li jitwaħħlu cameras fl-entratura tal-letrini pubbliċi u dan se jkun qed isir minħabba vandaliżmu kontinwu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, il-Vici Sindku Brian Xuereb reġa attenda (18:49)*

20.5.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li se jkunu qed jinqalgħu il-cables li hemm mal-faċċata tat-Turretta. Huwa propona ukoll li tinġieb stima sabiex isir id-dawl ġdid mal-faċċata.

20.5.3 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li nbeda x-xogħol fi Triq il-Bizzilla, Triq ir-Rebbiegha u Triq Napuljun Caruana Dingli.

20.5.4 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li jitwaħħlu bike racks fejn il-ground iż-żgħir. Il-Kunsill approva.

20.5.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-ikla tal-Milied se ssir fit-12 ta' Diċembru 2025.

20.5.6 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li se jkun qed jiżdied xi tiżjin fejn kien hemm nieqes is-sena l-oħra. L-ispiża se tkun qed tammonta għal Eur4000. Il-Kunsill approva.

**20.6 <u>Attivitajiet tal-Halloween</u>**

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-ispejjeż li ġew akkumulati s'issa għal din l-attivita' u nfurmat ukoll li għal sena oħra l-MTA se tkun qed tiffinanzja parti minn din l-attivita'.

20.6.2 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi tat spjegazzjoni dettaljata tal-programm ta' attivitajiet li hemm preparati għall-Ħeluween.

## 20.7 Attivitajiet tal-Milied

20.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li applikat għall-iSkema SPI/SCI/04/2025 - Finanzjament Milied 2025, il-Kunsill ingħata l-ammont ta' €12,580 sabiex jiġu organizzati diversi attivitajiet relatati mal-Milied.

20.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll li l-Kunsill kien propona li ssir sessjoni 'Aqra Miegħi'. Din tista' ssir dakinhar tal-attivita' fl-1 ta' Diċembru mis-6pm sas-7pm.

20.7.3 Il-Kunsill irid jaħdem ukoll fuq il-Kompetizzjoni tal-Kartolina fejn bħas-sena l-oħra ssir kompetizzjoni tal-isbaħ tpinġija li tingħażel għall-kartolina tal-Kunsill li jibgħat lir-residenti kollha.

20.7.4 Is-Sindku Karl Boxall propona li dakinhar tal-1 ta' Diċembru jinġieb kor tat-tfal li jkantaw Christmas Carols fil-Pjazza waqt li jinħadem buzzer biex jingħafas waqt li jinxtegħel id-dawl fit-triq. Il-Kunsillier Stephen Axisa ssuġerixxa li niprovaw nitkellmu mal-preżentatur Jamie Cardona biex jiġi dakinhar tal-attivita'. Is-Sindku informa ukoll li se tkun qed titranġa l-Christmas Tree il-kbira sabiex dakinhar titressaq ukoll għal rekord nazzjonali.

## 20.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.8.1 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li kienet avviċinata minn RCK Entertainment, fejn talbu jekk il-Kunsill hux interessat fi programm ta' 8 ġimgħat li jingħata lit-tfal għal prezz ta' Eur60 kull tifel/tifla li Eur10 jiġu mgħoddija lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li mhux interessat għal dan il-programm.

20.8.2 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa dwar is-signs li kien propona li jsiru fuq iz-zebra crossings. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-disinn lest u qed nistennew li ningħataw data għall-Kunsill tat-Tfal biex isir ftehim mat-tfal biex jinżebgħu min-naħa tagħhom.

20.8.3 Il-Kunsillier Stephen Attard ppropona li titpoġġa vending machine fil-ground tal—5-a-side u se jkun qed jibgħat email lil venditur sabiex naraw x'arranġament jista' jsir. Dwar dan il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

20.8.4 Il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar il-bżonn ta' ġardinar u s-Sindku infurmah li bħalissa ħaddiema tal-Community m'hemmx. Għaldaqstant il-Vici Sindku ppropona li jinbeda l-proċess biex jinħareġ tender għall-manutenzjoni ta' soft areas.

20.8.5 Il-Kunsillier Steven Axisa staqsa dwar il-proposta tat-Traffic Management fiż-żona tal-iskola li kienet inbagħtet għall-approvazzjoni tat-Transport Malta. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li hu infurmat li l-approvazzjoni ħarġet.

20.8.6 Is-Sindku Karl Boxall qal li wara l-approvazzjoni tat-TM, twaħħlu r-road humps fis-service road fejn żdiedu iktar mal-ammont li kien hemm eżistenti.

20.8.7 Is-Sindku Karl Boxall issuġġerixxa li jekk tibqa l-problema ta' sewqan eċċessiv fis-service road, għandha ssir laqgħa mar-residenti sabiex issir *traffic island* fi Vjal il-Labour.

20.8.9 Il-Kunsilliera Christine Dalli ressqet ilment dwar żbir ta' siġar fi Triq ir-Rebbiegħa.

## 20.9 **Mozzjonijiet**

20.9.1 Annessi mal-Minuti

## 20.10 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

20.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar 11 ta' Novembru 2025 fil-5:30p.m.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 20**

**Mozzjoni Ref:** 20-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 19

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi** | **Steven Axisa** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Ottubru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 20**

**Mozzjoni Ref:** 20-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 20

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi** | **Jesmond Manicolo** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Ottubru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**